MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 3008/1996/1

**George Michel Abu Zeid u martu Maria Terezita Alvarez Fermin u b'nota tad-19 ta' Gunju 1999 l-Avukat Dottor Christian Farrugia assuma l-atti tal-kawza f'isem l-atturi li bhalissa jinsab imsefrin.**

**vs**

**Mehemmed Izziddin Bek Derna**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni li biha l-atturi wara li ppremettew:-

Illi l-konvenut, fid-19 ta' Settembru 1996, ipprezenta quddiem dina l-Onorabbli Qorti, mandat ta' sekwestru

kawtelatorju numru 4659/96 kontra l-atturi ghall-ammont ta' sebat'elef lira (Lm7000), liema mandat gie akkordat minn dina l-Onorabbli Qorti;

Illi skond l-artikolu 849(a) tal-Kap.10 (recte Kapitolu 12) min ikun hareg mandat ta' sekwestru kawtelatorju, irid, fi zmien stipulat mil-ligi f'dan l-artikolu, jiehu azzjoni permezz ta' citazzjoni;

Illi ai termini ta' l-artikolu 836(8)(a) tal-Kap.10 (recte Kapitolu 12), min jonqos jintavola din l-azzjoni fuq imsemmija wara li jkun ghamel Mandat Kawtelatorju fi zmien stipulat mil-ligi, jista' jehel penali ta' bejn Lm500 (hames mitt lira) u Lm3000 (tlett' elef lira Maltin);

Illi l-artikolu 836(8)(b) jirrikjedi wkoll li min johrog mandat kawtelatorju jrid, hmistax-il gurnata qabel ma johrog il-mandat kawtelatorju, jitlob lill-intimat biex ihallas is-somma dovuta lir-rikorrenti. Fin-nuqqas, il-Qorti tista' tordna lil min ikun hareg il-mandat kawtelatorju biex ihallas lill-intimat penali;

Illi fil-kaz odjern, il-konvenut hareg mandat ta' sekwestru kawtelatorju, u sussegwentement naqas milli jintavola c-citazzjoni mitluba mil-ligi;

Illi l-konvenut naqas ukoll illi jinterpella lill-attur biex ihallas l-ammont hmistax-il gurnata qabel ma hareg il-mandat kawtelatorju;

Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenut jghid ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex:-

1. tikundannah ihallas lill-attur dik is-somma li dina l-Qorti joghgobha timponi bhala penali skod l-artikolu 836(8)(a) u (b), kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :-

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi c-citazzjoni odjerna hija nulla peress li l-konvenut mhux ta' cittadinanza Maltija, ma jitkellimx u ma jifhimx bil-lingwa Maltija u ghalhekk din ic-citazzjoni kellha tigi lilu notifikata a tenur tal-Ligi bil-lingwa Ingliza.

2. Illi bla pregudizzju ghall-premess l-atti mhumiex regolari stante illi l-atturi jinsabu prezentement barra minn Malta u ilhom hekk imsefrin minn wara d-data tal-prezentazzjoni biex b'hekk xi persuna residenti f'Malta jinhtigilha tassumi l-atti tal-kawza biex il-kawza tkun tista' titkompla skond il-ligi;

3. Illi t-talba odjerna hija ingustifikata stante illi l-attur huwa debitur tal-konvenut fis-somma ta' tnax-il elf Dollaru Amerikani (US$12,000) kif ukoll ta' Lm1739.15 ekwivalenti fit-totalita' ghal Lm6537.95 ta' flus mislufa brevi manu lilu kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Dawn kienu flus li gew iddefrodati mill-attur lill-konvenut skond dokumenti li jigu ppruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawza u tal-kontrotalba;

4. Illi l-mandat kawtelatorju 4659/96 gie pprezentat mill-konvenut waqt li l-atturi kienu Malta pero' sussegwentement harbu minn Malta;

5. Illi inoltre barra minn dawn il-flus fuq imsemmija l-atturi huma debituri tas-socjeta' rapprezentata mill-konvenut u cioe' Maha International Company Limited ta' somma li giet kanonizzata b'sentenza moghtija mill-Qorti kompetenti tal-Jamahariya Libjana huwa gie kkundannat biex ihallas lill-konvenut is-somma ta' Dinari Libjani 22,869 oltre l-imghax legali ekwivalenti ghal cirka Lm24,000 u dan skond sentenza tal-25 ta' Novembru 1996 numru 1891/96 li traduzzjoni taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata bhala Dokument "A";

6. Illi ghal dawn ir-ragunijiet l-ebda penali m'ghandha tithalla u mhix gustifikata ghax l-atturi huma debituri tal-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat il-kontrotalba tal-konvenut fejn gie premess :-

Illi l-attur huwa debitur tal-konvenut fis-somma ta' Lm6537.95 rapprezentanti flus li l-attur ghandu jirrifondi lill-konvenut fi hlasijiet maghmula ghan-nom tieghu ammontanti ghal dollari amerikani 12000 ekwivalenti ghal Lm4798.80 oltre dan huwa hallas ukoll hawn Malta ghan-nom ta' l-attur is-somma ta' Lm1739.15 kif jirrizulta minn diversi cekkijiet li qed jigu esebiti ma' din ic-citazzjoni li jirraprezentaw self u pagamenti ohra maghmula ghan-nom tieghu;

Illi l-konvenut interpella lill-atturi biex ihallas lura s-somma ta' Lm6537.95 diversi drabi ta' flus imhallsa ghan-nom tieghu u ghalih pero' baqa' inadempjenti;

Ghalhekk il-konvenut talab li l-atturi, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tikkundanna lill-atturi jhallsu lill-konvenut is-somma ta' Lm6537.95 oltra l-imghax legali flus imhallas ghall-konvenut ghan-nom ta' l-attur Abu Zeid George Michel in konnessjoni ma' pagament maghmula lilu b'kemm self kif ukoll minhabba li l-konvenut kien garanti personali tieghu;

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ta' l-atturi ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut rikonvenzjonant debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-atturi fejn gie eccepit illi t-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut huma totalment

infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-attur personalment mhux debitur ta' l-istess konvenut;.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista taxhieda taghhom;

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta Marzu 2000 minn fejn jirrizulta li l-partijiet iddikjaraw li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju in kwestjoni (numru 4659/96) ottenut mill-konvenut kontra l-atturi bma giex segwit b'citazzjoni fit-terminu lit rid il-ligi;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Jannar 2004 minn fejn jirrizulta li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Fic-citazzjoni l-atturi jippremettu li fid-19 ta' Settembru 1996 il-konvenut ottjena l-hrug kontra taghhom ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju (numru 4659/96) ghall-ammont ta' sebat'elef lira (Lm7000). F'dan ir-rigward l-atturi jghamlu referenza ghall-provedimenti tal-artikolu 849(a) tal-Kap.12 li jipprovdi li l-hrug ta' mandat kawtelatorju ghandu jigi segwit b'citazzjoni u dana fiz-zmien li trid il-ligi. Skond l-artikolu 836(8)(a) tal-Kap.12, fin-nuqqas ta' tali azzjoni b'citazzjoni tista tigi imposta penali ta' bejn Lm500 (hames mitt lira) u Lm3000 (tlett'elef lira Maltin) fuq minn ikun ottjena l-hrug tal-mandat kawtelatorju. Inoltre l-artikolu 836(8)(b) jipprovdi li minn jitlob il-hrug tal-mandat kawtelatorju ghandu jinterpella lid-debitur tieghu sabiex ihallas u dana mhux inqas minn hmistax (15) il-gurnata qabel ma ssir it-talba ghall-hrug tal-mandat. Fin-nuqqas tista ukoll tigi imposta penali fuq minn ikun ottjena l-hrug tal-mandat kawtelatorju;

L-atturi jkomplu jippremettu li l-konvenut wara li ottjena l-hrug tal-imsemmi mandat naqas li jippresenta citazzjoni fiz-zmien li trid il-ligi. Il-konvenut naqas ukoll li jinterpella lill-atturi biex ihallsu l-ammont minnu pretiz fiz-zmien li trid il-ligi qabel l-otteniment tal-hrug tal-mandat in kwestjoni.

Ghalhekk l-atturi qed jitolbu li l-konvenut jigi kundannat ihallas lill-atturi penali, li ghad trid tigi likwidata, skond l-imsemmija artikoli 836(8)(a) u (b);

Il-konvenut, da parti tieghu, qed jeccepixxi li c-citazzjoni hi nulla stante li huwa mhux cittadin malti u la jitkellem u lanqas jifhem bil-Malti u konsegwentement ic-citazzjoni kellha tigi lilu notifikata bil-lingwa Ingliza. Inoltre jeccepixxi li l-atti mhux regolari stante illi l-atturi jinsabu prezentement barra minn Malta u ghalhekk xi persuna residenti f'Malta trid tassumi l-atti tal-kawza. It-talba odjerna mhux gustifikata billi l-attur hu debitur tal-konvenut fis-somma ta' tnax-il elf Dollaru Amerikani (US$12,000) kif ukoll ta' Lm1739.15 ekwivalenti fit-totalita' ghal Lm6537.95 u dana bhala flus mislufa brevi manu. Il-konvenut f’dan ir-rigward jallega li dawn kienu flus frodati mill-attur. Fir-raba lok il-konvenut jeccepixxi li l-mandat kawtelatorju in kwestjoni gie presentat meta l-atturi kienu Malta pero' sussegwentement dawn harbu. Inoltre l-atturi huma ukoll debituri tas-socjeta' Maha International Company Limited. Fl-ahhar nett il-konvenut jeccepixxi li ghal dawn ir-ragunijiet l-ebda penali m’ghandha tigi imposta fuq il-konvenut stante li l-atturi huma debituri tal-konvenut;

Fil-kontro-talba il-konvenut jippremetti li l-atturi huma debituri tieghu fis-somma ta' Lm6537.95 ammont li ghandu jigi rifuz lill-konvenut ghal-hlasijiet maghmula ghan-nom tal-atturi ammontanti ghal dollari amerikani 12000 ekwivalenti ghal Lm4798.80 oltre ammont iehor ta' Lm1739.15 li thallas hawn Malta. Ghalhekk il-konvenut talab li l-atturi jigu kundannati jhallsu lill-konvenut l-imsemmija soma komplessiva ta' Lm6537.95;

L-atturi ghal kontro-talba tal-konvenut jeccepixxu huma mhux debituri tal-konvenut;

L-atturi llimitaw ruhhom ghal produzzjoni ta’ xi dokumenti. Uhud minn dawn id-dokumenti jidhru li huma kopji informi tal-oiginal. Sar l-imsemmi verbal tas-seduta tal-21 ta Marzu 2000 minn fejn jirrizulta li l-partijiet qabblu li l-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju in kwestjoni ma giex

segwit b'citazzjoni kif trid il-ligi. Dan mhux bizzejjed sabiex jista jinghad li t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati. L-atturi jghamlu referenza ghall-artikoli li 836(8)(a) u (b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghal finijiet ta' dawn il-provedimenti tal-ligi mhux bizzejjed li jigi pruvat li minn ottjena l-hrug ta' mandat kawtelatorju segwix dan il-mandat b'citazzjoni. Lanqas ma hu bizzejjed li jirrizulta li l-mandat ma giex precedut b'interpellazzjoni ghal hlas. Sabiex tigi imposta l-penali hemm bzonn ukoll li tirrizulta raguni valida, liema raguni valida hawn zgur li ma tirrizultax. Ghalhekk it-talbiet attrici ma jistghu qatt jigu akkolti;

Ghall dawn ir-ragunijiet ma hemmx ghalfejn li jigu esaminati l-eccezzjonijiet tal-konvenut. F'dan ir-rigward, pero', ghandu jinghad, li anke jekk jirrizulta li l-atturi huma debituri tal-konvenut, dan il-fatt jista jkun ghal kollox irrilevanti ghal finijiet ta' proceduri bhal dawn presenti. Lanqas ma hu rilevanti l-fatt li jista jkun li l-atturi telqu minn Malta wara li nhareg kontra taghhom il-mandat in kwestjoni. Zgur li hu rrilevanti l-fatt li l-atturi allegatament ghandhom jghatu xi ammonti lill-terzi;

Lanqas ma jirrizultaw sufficjentement pruvati t-talbiet tal-konvenut kif kontenuti fil-kontro-talba tieghu. Gie presentat l-affidavit tal-konvenut. Dan l-affidavit wahdu pero' zgur mhux bizzejjed. Ma ngibet l-ebda prova ohra, dokumentarja o meno, sabiex gie konfermat dak li qal il-konvenut fl-imsemmi affidavit. Lanqas ma gie spjegat b'mod car liema hi r-raguni ghala l-konvenut qed jippretendi li hu kreditur tal-atturi. Ghalhekk anke it-talbiet kif kontenuti fil-kontro-talba ma jistghu qatt jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi kollha :-

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad it-talbiet attrici u billi fit-tieni lok tichad it-talbiet tal-konvenut kif kontenuti fil-kontro-talba tieghu;

In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez kollha jithallsu bin-nofs bejn ip-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------